Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1862

24.7.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1862

tat-23 ta' Lulju 2026

li tiddetermina l-fattur ta' korrezzjoni transsettorjali uniformi għall-aġġustament ta' allokazzjonijiet bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet għall-perjodu mill-2026 sal-2030

(notifikata bid-dokument C(2026) 5379)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 tad-19 ta' Diċembru 2018 li jiddetermina regoli tranżizzjonali għall-Unjoni kollha għall-allokazzjoni armonizzata bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(6) tiegħu,

Billi:

(1) L-ammont annwali massimu ta' kwoti allokati bla ħlas huwa ddeterminat f'konformità mas-sehem tal-irkantar stabbilit fl-Artikolu 10(1), it-tieni subparagrafu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 10a(5), (5a), (8) u (8b) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Dak l-ammont annwali massimu mbagħad jintuża bħala bażi għall-kalkolu tal-kwoti allokati bla ħlas lill-installazzjonijiet f'konformità mal-Artikoli 16 u 18 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331.

(2) Biex jiġi rispettat is-sehem tal-irkantar stabbilit fl-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2003/87/KE, l-ammont annwali massimu ta' kwoti allokati bla ħlas, imnaqqas bl-ammonti msemmija fl-Artikoli 10a(8) u (8b) u, fejn applikat, filwaqt li jitqies l-ammont addizzjonali użat biex jiżdied l-ammont massimu ta' allokazzjonijiet bla ħlas disponibbli f'konformità mal-Artikolu 10a(5) tad-Direttiva 2003/87/KE u l-ammonti li jifdal minn perjodi ta' allokazzjoni preċedenti f'konformità mal-Artikolu 10a(5) ta' dik id-Direttiva, ma għandux jinqabeż.

(3) Sabiex ikun żgurat li l-ammont annwali massimu ta' kwoti allokati bla ħlas ma jinqabiżx, irid jiġi applikat aġġustament f'konformità mal-Artikolu 10a(5) tad-Direttiva 2003/87/KE, u biex b'hekk inaqqas b'mod uniformi l-għadd ta' kwoti bla ħlas għal kull installazzjoni eliġibbli għall-allokazzjoni bla ħlas. Madankollu, l-installazzjonijiet li l-livelli ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom huma taħt il-medja tal-10 % tal-installazzjonijiet l-aktar effiċjenti f'settur jew subsettur fl-Unjoni għar-referenzi rilevanti f'sena meta japplika l-aġġustament iridu jiġu eżentati minn dak l-aġġustament.

(4) Għall-fini ta' dan l-aġġustament, il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331, trid tiddetermina l-fattur ta' korrezzjoni transettorjali għal kull sena matul il-perjodu ta' allokazzjoni rilevanti ladarba l-ammonti annwali preliminari ta' kwoti bla ħlas għal dak il-perjodu jiġu nnotifikati.

(5) Il-fattur ta' korrezzjoni transsettorjali, li japplika kull sena tal-perjodu ta' allokazzjoni mill-2026 sal-2030, għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-ammont annwali preliminari ta' kwoti ta' emissjonijiet allokati bla ħlas matul il-perjodu ta' allokazzjoni. F'dan ir-rigward, iridu jitqiesu l-kwoti bla ħlas allokati għall-attivitajiet u l-gassijiet li huma inklużi mill-Istati Membri fl-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2003/87/KE. Madankollu, il-kwoti bla ħlas allokati lill-installazzjonijiet li huma esklużi mill-Istati Membri mill-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fl-Unjoni, f'konformità mal-Artikoli 27 jew 27a ta' dik id-Direttiva, u introdotti mill-ġdid matul il-perjodu ta' allokazzjoni, ma jridux jitqiesu. It-tnaqqis tal-allokazzjonijiet bla ħlas li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-fattur CBAM, kif speċifikat fl-Artikolu 10a(1a), it-tieni subparagrafu tad-Direttiva 2003/87/KE ma għandux jiġi rifless fl-ammont annwali preliminari tal-kwoti tal-emissjonijiet allokati bla ħlas, peress li l-ammont li jirriżulta minn dak it-tnaqqis irid isir disponibbli għall-Fond għall-Innovazzjoni f'konformità mal-Artikolu 10a(1a), ir-raba' subparagrafu ta' dik id-Direttiva.

([1]) ĠU L 59, 27.2.2019, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/331/oj.

([2]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj).

(6) Għall-2026, il-kwantità ta' kwoti għall-Unjoni kollha msemmija fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2003/87/KE u filwaqt li titqies id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1575 ([3]) tammonta għal 1 185 420 090. Skont l-Artikolu 3ga(3), it-tieni subparagrafu tad-Direttiva 2003/87/KE, irid jiġi applikat tnaqqis ta' 3,5 % tal-kwantità addizzjonali ta' kwoti minħabba ż-żieda fil-limitu massimu għat-trasport marittimu, li jwassal għal ammont totali aġġustat ta' kwoti ta' 1 180 706 960. F'konformità mal-Artikolu 10(1), l-ewwel u t-tieni subparagrafi tad-Direttiva 2003/87/KE, limitu massimu ta' 43 % ta' allokazzjonijiet bla ħlas japplika, li ġie kkalkulat bħala 43 % ta' 1 180 706 960 tal-ammont totali ta' kwoti aġġustat għall-2026, li huwa 507 703 993 kwota. Minn dan l-ammont, 35 357 143 kwota jridu jitnaqqsu f'konformità mal-Artikolu 10a(8) tad-Direttiva 2003/87/KE, li jwasslu għal ammont massimu ta' 472 346 850 għall-2026. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 10a(8b) tad-Direttiva 2003/87/KE u kif ikkonfermat mill-Artikolu 2, it-tielet sentenza tar-Regolament (UE) 2026/667 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), iridu jitnaqqsu 40 000 000 kwota mill-ammont massimu għall-allokazzjonijiet bla ħlas u jridu jsiru disponibbli għall-Fond Soċjali għall-Klima, li jwassal għal ammont massimu disponibbli ta' 432 346 850 kwota li jistgħu jiġu allokati bla ħlas għall-2026.

(7) Skont l-istess metodoloġija, l-ammonti massimi ta' kwoti li jistgħu jiġu allokati bla ħlas fis-snin ta' wara huma 434 602 358 għall-2027, 395 980 088 għall-2028, 357 357 817 għall-2029 u 318 735 546 għall-2030.

(8) F'konformità mal-Artikolu 10a(5) tad-Direttiva 2003/87/KE, għal kull sena li fiha l-għadd tal-allokazzjonijiet bla ħlas ma jilħaqx l-ammont massimu ta' kwoti li jista' jiġi allokat bla ħlas filwaqt li jirrispetta s-sehem tal-irkantar, il-kwoti li jifdal sa dak l-ammont iridu jintużaw għall-prevenzjoni jew il-limitazzjoni tat-tnaqqis tal-allokazzjonijiet bla ħlas sabiex jiġi rrispettat is-sehem tal-irkantar fis-snin ta' wara. 125 586 948 kwota mill-ammont massimu disponibbli għall-allokazzjonijiet bla ħlas fil-perjodu mill-2021 sal-2025, u t-totalità tal-ammont addizzjonali ta' 3 % imsemmi fl-Artikolu 10a(5a) tad-Direttiva 2003/87/KE għal dak il-perjodu, baqgħu ma ntużawx u jistgħu jintużaw biex tiġi evitata l-ħtieġa li jiġi applikat il-fattur ta' korrezzjoni transsettorjali għall-allokazzjonijiet bla ħlas fil-perjodu mill-2026 sal-2030. Kwalunkwe kwota mhux użata mill-ammont massimu disponibbli ta' kwoti li jistgħu jiġu allokati bla ħlas fis-sena 2026 se tkun disponibbli għall-allokazzjonijiet bla ħlas fis-sena sussegwenti, jiġifieri l-2027. Għandha tkompli tapplika dik il-loġika għas-snin ta' wara matul il-perjodu ta' allokazzjoni mill-2026 sal-2030 fit-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt 15 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331.

(9) Skont l-Artikolu 10a(5a) tad-Direttiva 2003/87/KE, ammont addizzjonali sa 3 % tal-kwantità totali ta' kwoti, li jammonta għal 368 419 533 matul il-perjodu ta' 10 snin mill-2021 sal-2030, irid jintuża, fejn meħtieġ, biex jiżdied l-ammont massimu disponibbli. Dan japplika, meta l-ammonti annwali preliminari ta' kwoti bla ħlas għal kull installazzjoni kif sottomessi mill-Istati Membri u mill-Istati taż-ŻEE-EFTA, u wara l-applikazzjoni tal-fattur rilevanti stabbilit fl-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331, jaqbżu dak l-ammont massimu disponibbli ta' kwoti li jistgħu jiġu allokati bla ħlas. Matul il-perjodu bejn l-2021 u l-2030, total ta' se jintuża total ta' 289 226 630 kwota li ġejjin mit-3 % tal-kwantità totali tal-kwoti. Għaldaqstant il-fattur ta' korrezzjoni transettorjali annwali għall-perjodu mill-2026 sal-2030 għandu jkun ta' 100 %.

(10) L-ammonti annwali massimi għall-allokazzjonijiet bla ħlas iddeterminati f'konformità mas-sehem tal-irkantar stabbilit fl-Artikolu 10(1), it-tieni subparagrafu flimkien mal-Artikolu 10a(5), (5a), (8) u (8b), ir-regoli armonizzati tal-allokazzjoni u l-fattur ta' korrezzjoni transsettorjali iridu jiġu applikati fl-Istati taż-ŻEE-EFTA ([5]). Għalhekk jeħtieġ li jitqiesu l-ammonti annwali preliminari tal-kwoti tal-emissjonijiet li għandhom jiġu allokati bla ħlas fil-perjodu mill-2026 sal-2030 abbażi tad-data aċċettata mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fir-rigward tal-Iżlanda, tal-Liechtenstein u tan-Norveġja. Il-kalkoli msemmija fil-premessi 6 sa 9 jirriflettu din il-ħtieġa,

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1575 tas-27 ta' Lulju 2023 dwar il-kwantità ta' kwoti li se jinħarġu għall-Unjoni kollha skont is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet għall-2024 (ĠU L 192, 31.7.2023, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1575/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2026/667 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2026 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1119 fir-rigward tal-istabbiliment ta' mira klimatika intermedja tal-Unjoni għall-2040 (ĠU L, 2026/667, 18.3.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/667/oj).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 335/2023 tat-8 ta' Diċembru 2023 li temenda l-Anness XX (L-Ambjent) tal-Ftehim ŻEE [2024/1420] (ĠU L, 2024/1420, 13.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1420/oj).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għal kull sena fil-perjodu ta' allokazzjoni mill-2026 sal-2030, il-fattur ta' korrezzjoni transettorjali uniformi għall-aġġustament ta' allokazzjonijiet bla ħlas ta' kwoti tal-emissjonijiet f'konformità mal-Artikolu 10a(5) u (5a) tad-Direttiva 2003/87/KE għandu jkun 100 %.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2026.

Għall-Kummissjoni
Wopke HOEKSTRA
Membru tal-Kummissjoni